






Sa Maris Sant
Skola St Monica, Il-Gżira







# IN-NATURA

**Kemm tħobbha u tapprezzaha n-natura?**

**Xi tħoss meta tara stampi bħal dawn?**

**Tħobbhom il-fjuri?**

**Għaliex jogħġbuk?**

**Xi tħoss meta tara l-fjuri?**

**F'liema okkażjonijiet jintużaw il-fjuri?**

**Qatt mort fuq xi muntanja bis-silġ jew mill-viċin?  X'ħassejt?**

**Jogħġbok il-kulur abjad?  Għaliex?**

**X'jaqa' f'rasek  meta taħseb fil-kulur abjad?**

# BJUDA

## DUN KARM PSAILA

Rajtek filgħodu tidħak qalb il-ħdura
Ta’ ġnien ifuħ, fuq ġilju u ġiżimina,
Safja bla nikta, u fuqek dik il-ħmura
Li tixgħel fit-twelid tax-xemx ħanina.

U rajtek f’nofs in-nhar ħiemed, minxura
Fuq is-silġ, tal-għoljiet ilbies u żina,
Tiddi mill-bogħ’d fuq il-għajnejn għajjura
Ta’ min iħoss tal-għoli x-xewqa rżina.

Sabiħa, o Bjuda! u f’qalbi kibes ġamar
Ta’ mħabba meta rajtek filgħaxija
Tħares ħosbiena minn fuq wiċċ il-qamar:

U ħlomt ħolma tal-ġenna – deħra ġdida!
Rajtek tkebbeb , bħal star, Tfajla Lhudija
Li kienet xebba u kellha ’l binha f’idha.

# BJUDA

## DUN KARM PSAILA



### Kelmtejn dwarha

Permezz ta’ din il-poeżija, il-poeta Dun Karm qiegħed jenfasizza s-sabiħ tal-kulur abjad li jispikka fin-natura. Dan jagħmlu billi juża **l-apostrofi** li permezz tagħha Dun Karm qisu qiegħed jitkellem direttament ma’ dan il-kulur. Is-sbuħija tal-kulur abjad joħorġu billi jsemmi elementi tan-natura li għandhom dan il-kulur bħall-ġilju u l-ġiżimin li huma fjuri bojod. Isemmi wkoll l-abjad tas-silġ li jiksi l-muntanji u l-għoljiet u l-abjad tal-qamar li jiddi billejl. Għalhekk, filwaqt li qiegħed jistagħġeb bis-sabiħ ta’ dan il-kulur, qiegħed ukoll ifaħħar il-ġmiel tan-natura u indirettament lil Alla li ħalaqha. Mill-affarijiet fiżiċi li nistgħu naraw b’għajnejna, il-poeta joħodna fuq livell ieħor, wieħed mistiku. Dan jagħmlu fl-aħħar terzina meta l-abjad jassoċjah ma’ dik id-dija bajda li ‘***tkebbeb, bħal star, Tfajla Lhudija’*** . B’dan il-mod il-poeta qiegħed jassoċja l-purezza u s-safa tal-abjad mal-purezza u s-safa tal-Madonna u b’hekk il-lewn abjad jieħu sinifikat aktar profond u sagru.

Għal darb’oħra Dun Karm juża **l-element tal-ħin** li għandu importanza kbira fil-poeżija tiegħu. Jiddeskrivi l-ġmiel tal-abjad li jiddi ***filgħodu*** minn fuq il-fjuri meta tibda tielgħa x-xemx; f’***nofsinhar*** meta l-abjad tal-għoljiet jibda jiddi; ***filgħaxija*** meta l-abjad jiddi minn fuq il-qamar; u ***billejl*** meta ħolom bil-bjuda jew aħjar bis-safa tal-Madonna.

### IL-METRIKA

Sunett Petrarkan li għandu l-versi endekasillabi (ta’ ħdax-il sillaba)
U r-rima hija ***abab, abab, ċdċ, ede***



